**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Ottubru 2017**

**Rikors Nru. 767/2016/1 JZM**

**Fl-atti tal-Kontro-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar nru : 767/2016 fl-ismijiet :**

**SARL Electric Auto Marine Service**

***u***

**b`digriet moghti fit-22 ta` Gunju 2017 gew mahtura l-Avyukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina biex jirrapprezentaw lill-kumpannija SARL Electric Auto Marine Service**

***kontra***

**Il-Bastiment MY Nautonnier**

***u***

**Robert Patterson**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' l-Bastiment MY Nautonnier u ta` Robert Patterson ("ir-rikorrenti") presentat fit-23 ta` Mejju 2016 fejn ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex – *tordna l-hrug ta` l-kontro-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar nru 767/2016 stante illi, ai termini tal-artikolu 836(1)(f)* tal-Kap 12.

Rat ir-risposta li pprezentaw fil-11 ta` Lulju 2017 il-kuraturi deputati li nhatru sabiex jirrapprezenta d-ditta assenti SARL Electric Auto Marine Service ("il-kuraturi").

Semghet lid-difensur tar-rikorrenti fl-udjenza tal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

**Ikkunsidrat :**

Illi fid-19 ta` Mejju 2016 ir-rikorrenti kienu pprezentaw rikors nru 767/16 ghall-hrug ta` kontro-mandat (fol 17 et seq).

Illi talbu l-hrug tal-kontro-mandat ghar-raguni li l-pretensjonijiet ta` SARL Electric Auto Marine Service kienu respinti b`decizjoni tal-qorti li saret gudikat.

Illi dan kollu jirrizulta mill-atti li kienu prezentati bhala prova mir-rikorrenti fil-procediment tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghall-fini tal-procediment tal-lum bhala fatt mhux kontestati.

**Ikkunsidrat :**

Illi r-rikorrenti qeghdin jistriehu fuq l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12 ghall-fini ta` dan il-procediment.

Illi d-disposizzjoni citata mir-rikorrenti tghodd ghall-kaz taht ezami.

Illi r-rikorrenti kellhom ragun jipprezentaw l-istanza odjerna - sahansitra *prima facie*.

Illi dan apparti, litteralment hadu kedda biex jassikuraw in-notifika tal-kontroparti, imgieba din tal-kontroparti li thalli l-Qorti skoncertata.

**Ikkunsidrat :**

Illi dan premess, din il-Qorti tghid :-

1) Illi ghal din il-Qorti mhuwiex accettabbli li min jikseb il-hrug ta` mandat kawtelatorju, ihalli l-mandat fis-sehh, a skapitu tal-kontro-parti, minkejja – kif gara fil-kaz tal-lum – illi l-pretensjonijiet tieghu jkunu michuda sal-ghola grad ta` gudizzju.

2) Illi mgieba ta` din ix-xorta hija inaccettabbli ghal din din il-Qorti ghaliex tikkostitwixxi xejn izjed u xejn aktar minn inkejja jew vessazzjoni, komportament illi certament ma jixraqx *in uno stato di diritto* bhal ma huwa taghna.

3) Illi bhala principju tad-dritt, din il-Qorti mhix se tippermetti li jigi prezentat (u jithalla fis-sehh) mandat kawtelatorju bhala tentattiv li jdghajjef il-posizzjoni tal-parti avversa - mhux b'azzjoni legali mahsuba u *ben* misurata, izda bil-presentata ta' att kawtelatorju intiz sabiex jaghmel hsara – tkun ta` liema natura tkun.

4) Illi att kawtelatorju anke min-nomenklatura tieghu huwa intiz sabiex ihares il-kreditu fil-kaz ta` decizjoni favorevoli ghall-kreditur - skont l-Art 829 tal-Kap. 12 "sabiex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur".

5) Illi att kawtelatorju mhuwiex mahsub sabiex ikun mezz fejn issir pressjoni indebita kontra kontroparti bil-ghan illi ggieghlu jaccetta t-termini ta` min ikun qed javvanza l-pretensjoni.

6) Illi l-iskop ta' att kawtelatorju f'ordinament guridiku, bhal ma huwa taghna, fondat *on the rule of law,* mhuwiex dak li jilwi d-driegh tal-kontro-parti. U meta lil min jitlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju tigih hazina, iwarrab fil-genb kwalsiasi obbligu legali u ta` civilta` illi jkollu.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi :-**

**Tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Tordna lid-ditta estera SARL Electric Auto Marine Service sabiex thallas l-ispejjez ta` dan il-procediment.**

**L-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skont il-ligi.**

**(ft) Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**